MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-16 ta' April, 2009

Numru. 1195/2008

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR JESMOND BORG**

**KONTRA**

**MARY GRACE LIA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Mary Grace Lia ta’ 34 sena, bint Emanuel Seisun u Josephine nee’ Abela, mwielda Pieta’, nhar l- 1 ta’ Ottubru 1974, residenti fil- fond numru 29, Triq il- Kuncizzjoni, Bormla u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 516574(M);

Li giet imressqa quddiemha sabiex twiegeb ghall-imputazzjonijiet:

Talli ;

1) f’dawn il- Gzejjer, nhar l- 24 ta’ Marzu 2008 ghal habta tal- 11.00am u fix- xhur ta’ qabel, filwaqt li kienet fil-hanut imsemmi ‘New Life Bar’ ,li jinsab fi Triq Cordina, gewwa Bormla, minghajr Awtorita’ Legali jew minghajr skuza Legittima jew ragonevoli, xtrat jew irceviet minghand xi persuna, jew kellha fil- kustodja jew fil-pussess taghha, biljett tal- flus iffalsifikat tal- kambju tal-hamsin ewro (€50), li kienet taf li kien iffalsifikat;

2) u aktar akkuzata talli, fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi, minghajr Awtorita’ Legali jew minghajr skuza Legittima jew ragonevoli, ghamlet uzu jew xjentement kelleha, fil- kustodja jew pussess taghha, xi karti mahsuba biex jixbhu u biex jghaddu bhala karta specjali (50 ewro) bhala dik ipprovduta u uzata ghal ghemil ta’ xi biljett tal-flus, jew karta specjali tali.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputata irregistrat ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnha wara li l-Qorti tatha zmien xieraq skond il-ligi sabiex tikkonsidra sew din l-ammissjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputata ammettiet li kellha fil-pussess taghha karta ta’ hamsin Ewro (€50) falza, izda din stqarret mal-Pulizija

fl-istqarrija taghha li ma kienetx taf li dik il-karta ma kienetx valuta legali. Tant hu hekk li hi stess ghaddietha minn magna quddiem min kienet ser thallas biha, u l-istess magna ma uriet xejn hazin fiha. Madankollu, l-Qorti fissret lill-imputata li anke l-pussess ta' flus foloz huwa reat, punibbli bi prigunerija, pero' l-Qorti tara li l-imputata difficilment setghet tinduna li l-karta ma kienetx wahda legali. Ghalhekk, in vista ta' dan id-dubju, ser ikun hemm mitigazzjoni fil-piena, tenut kont ukoll tal-ammissjoni bikrija u tal-fedina penali ghal kollox netta taghha.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 46 u 47(a) tal-Kap 204 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lil imsemija imputata hatja u ghaldaqstant tilliberaha bil- kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sena ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta. Tordna li n- nota tigi depositata mal- Gvernatur tal- Bank Centrali.

Il- Qorti spjegat il- portata tas-sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------